

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 19a

Ir-Rużarju huwa kompendju tal-Vanġelu kollu kemm hu.
Il-Papa Piju XII

Ir-Rużarju huwa teżor ispirat minn Alla li m'għandux prezz.
San Alwiġi G. de Montfort

It-talb hu qawwi bla tarf meta nindirizzawh lill-Immakulata li hija r-Reġina wkoll tal-Qalb ta' Alla
San Massimiljanu M. Kolbe



**'Itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna'**
**nitolbu għal tant u tant drabi. Jista' jkun li fis-siegħa deċissiva ta' mewtna Marija ma tiġix biex tikkonfortana?**

## Ir-Rużarju jifrex quddiemna l-Ġrajja tas-Salvazzjoni.

Il-Ferħ tal-Inkarnazzjoni, Id-Dija ta' Ġesu Mghallem li jgħaddi jfejjaq il-ġrieħi tagħna, Lilu Salvatur fil-Passjoni tiegħu u fl-aħħar, il-Glorja tal-Qawmien Tiegħu u ta' Ommu fil-Misteri tal-Glorja.

Mhux ta' b'xejn li Pawlu VI sejjaħ ir-Rużarju Vanġelu manwali. Huwa l-ikona ta' ħajjitna, aħna li ngħaddu minn waqtiet ta' ferħ, ta' tbatijiet imwensin bit-Tama Nisranija ta' Glorja li għad trid tidher fina.

Dan hu r-Rużarju li jimxi magħna til-vjaġġ tal-ħajja, iweżinna, iferraħna, jimlielna qalbna b'tama li ma tqarraqx għax minn din it-triq għadda diġa Ġesù u Ommu qabilna.

Imbierek min isib il-wens fir-Rużarju Mqaddes li jagħti tifsira u valur lil din ħajjitna.

## IL-ĠENERAL CARLO ALBERTO DALLA CHIESA 1920 – 1982

Il-Ġeneral CarloAlberto Dalla Chiesa, kap tal-Pulizija, assassinat mill-Mafia fi Sqallija kien kattoliku prattikanti. Fost l-armi tiegħu kellu t-talb.



Kull sena, fil-festi tal-Milied, kien jagħti bħala rigal kuruna sabiħa tar-Rużarju li kien itellagħha bix-xorti fost in-nisa tal-uffiċċjali u tal-pulizija.

Dik is-sinjura li kienet tirbaħ dil-kuruna u titla' biex itrċeviha mingħandu, il-Ġeneral Dalla Chiesa kien jitlobha li twiegħdu li għal sena sħiħa tgħid kuljum ir-Rużarju u toffrih għall-bżonnijiet tal-pulizija.

mill-gazzetta Avvenire – 5 ix. 1982